**24 ta' Settembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Stephen Borg Cardona LL.D.**

L-Eċċ. Tiegħu Mons. Giuseppe Mercieca *pro et noe*

*versus*

Onor. Prim Ministru *et*

**L-Att X ta' l-1983 - Avviżi Legali 36, 37, 38, 47 u 48 ta' l-1983 - Artikoli 38 (37), 41 (40), 46 (45) tal-Kostituzzjoni - Libertà ta' Kuxjenza u ta' Qima - Diskriminazzjoni - Konfiska ta' Proprjetà**

*Ir-restrizzjonijiet magħmula bl-Att X ta' l-1983 fuq l-entitajiet ekklesjastiċi jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra l-istess entitajiet.*

*Għalkemm il-Kostituzzjoni tipprovdi li l-Parlament jista' jistabbilixxi kriterji li fuqhom jitħallas il-kumpens kif għamel l-Att X ta' l-1983, hija għandha d-dmir u d-dover li tindaga jekk dak il-kumpens huwiex xieraq u jissodisfax l-għan u l-iskop ta' l-imsemmi Att 38 tal-Kostituzzjoni.*

*Dwar il-proviso għall-istess artikolu, il-Qorti qalet li l-kelma "iżda" ma tfissirx li l-kumpens sejjer ikun anqas minn dak li kien ser jingħata li kieku ma kienx hemm il-proviso. Dan il-proviso jfisser biss li l-Parlament minflok ma jiffissa hu l-kumpens, jiddelega lill-Qorti biex tagħmel hi l-kontijiet bi kriterji li jwasslu għall-kumpens. Il-kelma "kumpens" fil-proviso ma tistax tfisser xejn ħlief il-kumpens imsemmi aktar 'il fuq fl-istess artikolu u l-proviso*

*mhux qed jirreferi għal xi kumpens differenti minn dak imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni.*

*Jidher li hawn ukoll saret diskriminazzjoni ma' l-entità ekklesjastika billi kulħadd huwa liberu li jagħmel li jrid bil-proprjetà lilu mħollija iżda jekk l-entità ekklesjastika ma tkunx qed tuża dik il-proprjetà għall-għan lilha mħolli, din il-proprjetà tiġi nvestita fil-Gvern.*

*L-Avviżi Legali 36 u 37 huma diskriminatorji u għalhekk nulli għaliex saru kumplimentari għall-Att X ta' l-1983.*

*Il-Qorti tħoss li hu dover tagħha li tara li kull Att tal-Parlament ma jmurx kontra l-Kostituzzjoni għaliex kieku ma kienx hekk il-Parlament b'sempliċi maġġoranza bil-frażi fl-interess nazzjonali inserita fl-Att, jevadi l-maġġoranza rikjesta mill-Kostituzzjoni biex jgħaddi dak l-istess Att, u jista' jingħad li l-Kostituzzjoni tiġi ridotta għal-liġi sempliċi.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Eċċellenza Tiegħu Reverendissima Monsinjur Giuseppe Mercieca *proprio et nomine* li biha qal illi fl-ewwel ta' Lulju, 1983, ġie ppromulgat l-Att X ta' l-1983, imsejjaħ l-Att ta' l-1983 dwar id-Devoluzzjoni ta' Ċerta Proprjetà ta' Knejjes (minn hawn 'l isfel imsejjaħ l-Att X); illi, bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 38 ta' l-1983, fit-18 ta' Lulju, 1983, daħlu fis-seħħ l-artikolu 6, 7 u 10 ta' l-Att u l-artikolu 8 in kwantu jolqot id-drittijiet skond l-artikoli 6 u 7 ta' l-Att; illi fil-15 ta' Lulju, 1983, daħlu fis-seħħ l-Avviżi Legali 36 u 37 ta' l-1983 (minn hawn 'l isfel l-Avviżi Legali) maħruġin mit-tieni intimat bis-saħħa ta' setgħat mogħtija lilu mill-artikoli 14B u 14A rispettivament ta' l-Att XXXV ta' l-1981 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet. Dawn l-Avviżi Legali ġew emendati bl-Avviżi Legali 47 u 48 ta' din is-sena, 1983; illi

l-imsemmija artikoli 14A u 14B ġew ippreżentati fil-Parlament, permezz ta' l-Att XI ta' l-1983 (minn hawn 'l isfel l-Att XI) magħmul biex jemenda l-Att XXXV fuq imsemmi fl-istess seduta li fiha ġie ppreżentat l-imsemmi Att X; illi l-Att X waħdu u l-Avviżi Legali u l-Att XI flimkien miegħu, jikkostitwixxi ksur tad-Drittijiet Fondamentali tal-Libertà tal-Kuxjenza u tal-Qima garantiti mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; illi l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni huwa intiż biex jipproteġi d-dritt għal-libertà reliġjuża kontra indħil mhux xieraq mill-Awtoritajiet Ċivili, u għandu bħala fondament u espressjoni tiegħu d-dottrina kostituzzjonali tal-ġusta awtonomija tal-Knisja u l-Istat. L-istat huwa sovran fil-poteri u attribuzzjonijiet tiegħu, imma hemm fruntiera li 'l barra minnha ma jasalx. L-individwu mhux dispost jammetti li l-Istat jeżerċita l-funzjoni ta' Knisja, wisq anqas huwa dispost li jirċievi imposizzjonijiet mill-Istat dwar kif għandu jirregola r-relazzjonijiet tiegħu mad-Divinità. L-Istat mhux idoneu għal din il-funzjoni. Fl-isfera reliġjuża hemm Awtorità u organizzazzjoni li jeżerċitaw funzjoni indipendentement mill-Istat u n-nies tal-fidi jobdu l-preċetti tagħhom; mhux għax l-Istat hekk jordna, iżda għax il-Knisja tirritjeni li għandha - u n-nies tal-fidi jirrikonoxxu li għandha - potestà u setgħa oriġinali derivanti direttament minn Alla u li m'għandhiex bżonn rikonoxximent min-naħa ta' l-Istat; illi l-Att X jikser u jxekkel id-dritt għal-libertà reliġjuża b'diversi manjieri; illi għal kull kattoliku ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa hija ċentrali u fondamentali għar-reliġjoni tiegħu. L-Att numru X jiddixxiplina l-kuxjenza ta' l-individwu f'ħaġa daqshekk intrinsikament spiritwali daqs il-Quddesa. Dan l-Att huwa intiż biex jimponi limitazzjonijiet arbitrarji għat-twemmin tal-Kattoliċi dwar is-suffraġji spiritwali li jitnisslu miċ-ċelebrazzjoni tal-Quddies. L-Att jannulla fondazzjonijiet li kull kattoliku għandu dritt li jagħmel liberament skond is-suġġeriment tal-kuxjenza tiegħu u kif tirregola d-dixiplina tal-Knisja. Jirrendi illegali, mhux dak li huwa illeċitu, iżda dak li huwa sagru. In Kwantu l-Att jikkrea konflitt spiritwali bejn l-

aspirazzjoni tal-kuxjenza u n-normi ta' kondotta imposti b'liġi, l-Att X huwa vjolazzjoni tad-dritt tal-libertà reliġjuża garantit mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni; illi d-dritt tal-libertà reliġjuża jimplika ukoll l-awtonomija ta' l-Awtorità Ekklesjastika li tiddeċidi hi stess, u tgħallem hi stess, mingħajr indħil ta' awtoritajiet oħra, ir-rit, id-dottrina u t-tagħlim spiritwali tagħha. Illi l-Att X jikser din l-awtonomija reliġjuża in kwantu jippretendi li jissostitwixxi għat-tagħlim ta' l-Awtorità Ekklesjastika dwar il-Quddiesa bħala suffraġju, dottrina oħra konfezzjonata mill-Istat u jimponi fuq il-kuxjenza din id-dottrina reliġjuża ta' l-Istat bis-saħħa tas-sanzjonijiet tal-liġi; illi l-Att X jivvjola ukoll il-libertà tar-Reliġjon in kwantu jesproprja mingħajr kumpens xieraq parti sostanzjali tal-ġid tal-Knisja. Id-dritt tal-libertà reliġjuża jinkludi neċessarjament id-dritt li kull organizzazzjoni reliġjuża jkollha l-proprjetà u li dina l-proprjetà tamministraha hi. Il-konfiska tal-ġid tal-Knisja skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att, tneħħi, fis-sustanza, u tirrendi bla kontenut, il-fakoltà tal-Knisja li jkollha u tamministra ħwejjiġha kif skond id-dritt tal-libertà reliġjuża huwa lilha garantit; illi b'effett tal-konfiska tal-ġid tal-Knisja skond l-Att X, il-Knisja titfaqqar b'mod li ma tkunx fi grad li tkompli taqdi kif jixraq il-missjoni tagħha reliġjuża, spiritwali u pastorali, li hija parti integrali mid-dritt għal-libertà reliġjuża protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-beni materjali, f'kuntest spiritwali, għandhom relevanza, mhux fihom infushom, imma biss in kwantu jagħmlu possibbli l-azzjoni reliġjuża, liturġika, karitatevoli, edukattiva u pastorali, li huma funzjoni kwalifikanti tar-Reliġjon. L-Att X ser iċekken dan kollu; ser inaqqas b'mod gravi l-libertà li r-Reliġjon tgħix u timmanifesta ruħha; illi l-Att X jivvjola ukoll id-dritt għal-libertà reliġjuża in kwantu r-Reliġjon Kattolika temmen u tgħallem li l-pija volontà tal-fidili ħajjin u mejtin għandha tiġi rispettata bl-aktar għożża u li l-Awtorità Ekklesjastika biss għandha s-setgħa li tapplika l-ġid iddestinat għas-suffraġji għal skop spiritwali differenti f'każ ta' bżonn. Li taqbad, kif jagħmel l-Att, ġid espressament

iddestinat mill-ħajjin u mill-mejtin għas-suffraġju tagħhom, biex tiddestinah għal skopijiet arbitrarjament magħżula mill-Awtorità Ċivili, jammonta għal indħil ieħor f'dan id-dritt tal-libertà reliġjuża protett mill-Kostituzzjoni; illi l-Att X fih innifsu, l-Avviżi Legali u l-Att XI fil-kumpless tagħha, tikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali tal-protezzjoni minn diskriminazzjoni ggarantit mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; illi l-artikolu 46 jiddisponi li ebda liġi m'għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnfisiha, sew fl-effett tagħha u diskriminatorja tinkludi trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għall-fidi (*creed*) tagħhom; illi l-Att X fih innifsu huwa diskriminatorju taħt diversi aspetti. L-ewwel diskriminazzjoni hija dik li tirrigwarda l-akkwist ta' proprjetà bis-saħħa tal-preskrizzjoni. Skond il-liġijiet ta' Malta, kulħadd għandu s-setgħa li jakkwista proprjetà u jżommha bil-liġi tal-preskrizzjoni. Bis-saħħa ta' l-Att, l-entitajiet ekklesjastiċi biss ġew imċaħħdin minn dan id-dritt. B'hekk inħoloq stat manifestament diskriminatorju kontra l-istituzzjonijiet reliġjużi bi ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; illi fit-tieni lok, l-Att X huwa ukoll diskriminatorju fuq bażi reliġjuża in kwantu kulħadd f'Malta għandu d-dritt li jikkrea, *inter vivos* jew *causa mortis*, laxxiti jew fondazzjonijiet ta' kull xorta u xeħta. (favur il-klieb, favur ir-riċerka, favur il-każini, eċċ.) mingħajr limitazzjoni ta' żmien u mingħajr is-sanzjoni tad-dekadenza tal-laxxitu favur il-Gvern. Huma biss il-laxxiti u fondazzjonijiet magħmulin skond il-fidi, għas-suffraġju ta' l-erwieħ permezz tal-Quddiesa, li huma milquta mill-Att. B'hekk inħoloq stat ieħor ta' differenzjazzjoni, ibbażat fuq diskriminant reliġjuża, u dan bi ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; illi fit-tielet lok, l-Att X huwa diskriminatorju fuq bażi reliġjuża in kwantu jimponi l-obbligu ta' l-inventarju ta' l-għamara u attrezzi, kwadri, kotba, eċċ. għall-knejjes u l-kappelli użati għas-servizzi ekklesjastiċi regolari li l-Att sempliċement jassumi li huma tal-Gvern. Ebda obbligu simili m'hu impost b'liġi fuq il-persuni li għandhom fl-

amministrazzjoni jew pussess jew kontroll tagħhom proprjetà oħra li l-Gvern jallega li hi tiegħu u b'hekk l-element diskriminanti, bejn proprjetajiet allegatament tal-Gvern f'idejn il-Knisja u oħrajn f'idejn terzi persuni, huwa mnissel mill-użu tal-proprjetà għal skopijiet ta' fidi, bi ksur ta' l-artikolu 46, tal-Kostituzzjoni; illi fir-raba' lok, l-Att X huwa ukoll diskriminatorju in kwantu, fuq il-bażi ta' element reliġjuż, jimponi kumpens mhux xieraq għall-beni esproprjati. L-Att jaħseb biex jagħti kumpens irriżorju jew parzjali għall-beni esproprijati in kwantu dawn huma beni ta' entità ekklesjastika, u għalhekk joħloq element diskriminanti bejn esproprjazzjoni ta' beni mhux ekklesjastiċi u esproprjazzjoni ta' beni tal-Knisja u dana bi ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; illi fil-ħames lok, l-Att X huwa ukoll diskriminatorju billi, bis-saħħa tiegħu, tgħaddi f'idejn il-Gvern dik il-proprjetà tal-Knisja li ma tkunx użata mill-Knisja skond id-destinazzjoni oriġinali tagħha. Ebda liġi oħra ma tipprevedi bl-istess mod il-konfiska favur il-Gvern ta' xi proprjetà li ma baqgħetx tintuża skond id-destinazzjoni oriġinali tagħha. Il-proprjetà tal-Knisja biss hija hekk milquta. Din id-diskriminazzjoni hija in konsegwenza tal-fatt li l-proprjetà hija proprjetà reliġjuża. Il-Kostituzzjoni ta' Malta ma tippermettix trattament bħal dan ibbażat fuq konsiderazzjonijiet reliġjużi; illi l-Avviż Legali 37 ta' l-1983, maħruġ bis-saħħa ta' l-Att XI huwa diskriminatorju fih innifsu in kwantu t-tieni intimat eżerċita s-setgħa li jordna r-reġistrazzjoni b'referenza għal persuna jew grupp ta' persuni, esklussivament fil-konfront ta' l-entitajiet ekklesjastiċi. Bl-eżerċizzju tas-setgħat lilu mogħtija, b'dan il-mod diskriminatorju, a bażi ta' element diskriminanti li huwa reliġjuż, it-tieni intimat ivvjola d-disposizzjoni ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; illi l-Avviż Legali 36 ta' l-1983 maħruġ bis-saħħa ta' l-Att XI huwa ukoll diskriminatorju fih innifsu; it-tieni intimat għandu s-setgħa li jordna d-denunzja ta' piżijiet b'referenza għal persuni jew grupp ta' persuni li għandhom proprjetà suġġetta għall-piżijiet. Huwa eżerċita din is-setgħa esklussivament b'referenza

għal piżijiet ta' Quddies, u għalhekk il-bażi tad-differenzazzjoni fl-Ordni tat-tieni intimat hija d-diskriminanti reliġjuża pprojbita mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni: illi l-Gvern kompla jiddiskrimina bil-ħruġ ta' l-Avviżi Legali 47 u 48 ta' l-1983 billi ttratta b'mod differenti l-Knisja minn persuni oħra; illi l-Att X fih innifsu, u l-Avviżi Legali u l-Att XI fil-kompless tagħhom, jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali tal-protezzjoni tat-teħid tal-proprjetà mingħajr kumpens, protett mill-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni; illi l-artikolu 38 jiddisponi li ebda proprjetà ma' tista' tittieħed mingħajr kumpens xieraq, ċjoè indennizz sħiħ u ekwivalenti għall-valur tal-proprjetà meħuda, tagħti biss ħlas illużorju, irriżorju jew anke parzjali, hija liġi konfiskatorja u għalhekk nulla għax tikser wieħed mid-drittijiet fondamentali protetti mill-Kostituzzjoni; illi huwa evidenti illi l-Att X bogħod milli jagħti kumpens ta' l-ekwivalent sħiħ tal-valur esproprjat, jagħti (jekk jagħti) frazzjoni żgħira ta' l-indennizz sħiħ rikjest mill-Kostituzzjoni u għalhekk in kwantu l-Att huwa liġi konfiskatorja, huwa jikser id-dritt fonamentali protett mill-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni; illi l-Att X huwa ukoll vjolattiv ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni in kwantu l-esproprjazzjoni, f'każijiet speċjali, hija biss permessa fl-"interess nazzjonali". Issa l-artikolu 2 tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi illi r-Reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika. Il-Kostituzzjoni stess ġà stabbiliet li r-Reliġjon Kattolika hija fiha nfisha l-interess nazzjonali. Dak kollu li jippromwoviha u jwettaqha huwa fl-interess nazzjonali, mentri dak li, bħall-Att joffendiha u jiżvutaha mill-funzjoni u mis-sustanza, ma jista' jkun qatt fl-"interess nazzjonali". Mhux fil-poter tal-leġislatur li jissostitwixxi l-veduti tiegħu dwar x'inhu u x'mhux l-interess nazzjonali għal dak li ġie espressament u solennement stabbilit mill-Kostituzzjoni stess. Anke taħt dan l-aspett, l-Att jivvjola l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni jimponi li l-liġi esproprjatriċi għandha jew tistabbilixxi hi stess il-kumpens xieraq jew tistabbilixxi l-kriterji biex il-Qorti tasal ħalli tistabbilixxi l-kumpens xieraq. Illi l-Att ma jagħmel la waħda u lanqas l-oħra.

il-"kriterji" indikati mill-Att jivvjolaw l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni għax għandhom l-effett oppost għal dak li trid il-Kostituzzjoni. Bihom l-eżerċizzju ta' l-Imħallef li jird jistabbilixxi l-kumpens, isir, flok aktar oġġettiv, aktar soġġettiv, flok aktar ċert isir aktar problematiku. U dan huwa l-oppost ta' dak li riedet il-Kostituzzjoni; illi barra minn dan, l-istess "kriterji" jivvjolaw l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni billi din riedet li dawn jiggwidaw lill-Imħallef jistabbilixxi l-kumpens, ċjoè l-indennizz ġust, totali, u reali għall-valur esproprjat. Issa l-"kriterji" indikati fl-Att huma intiżi biex jilħqu l-iskop oppost u ċjoè biex jiggwidaw lill-Qorti li tistabbilixxi kumpens li mhux l-indennizz ġust, totali u reali għall-valur esproprjat, anzi huwa kemm jista' jkun bogħod mill-indennizz ġust, totali u reali għall-valur tal-ħaġa esproprjata. Anke kwantu l-"kriterji" huma intiżi biex jilħqu effett oppost għal dak li riedet il-Kostituzzjoni, l-Att huwa ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni; illi l-esponent jisħaq fuq l-aspett konfiskatorju ta' l-Att in kwantu l-konsegwenza tal-konfiska ta' parti mill-aktar sostanzjali tal-ġid tagħha, tkun li xxekkel il-Knisja u serjament tfixkel filli tkomplli taqdi l-missjoni tagħha pastorali, ta' tagħlim, ta' opri tal-ħniena u ta' ġid favur il-fqir, il-minsi u l-batut kif hu d-dmir tagħha skond il-Vanġelu ta' Kristu u d-dritt tagħha skond il-Kostituzzjoni ta' Malta; illi l-Avviżi Legali u l-Att XI għandhom relazzjoni intima ta' kawża u effett ma' l-Att X. Huma preordinati għall-attwazzjoni materjali tad-disposizzjonijiet anti-kostituzzjonali ta' l-Att X. Hemm ness inxindibbli ta' inter-azzjoni bejniethom, u fis-sustanza jikkostitwixxu partijiet interdipendenti ta' skema leġislattiv uniku. Għalhekk, bħala leġislazzjoni minsuġa predeterminata inekwivokabbilment għall-iskopijiet anti-kostituzzjonali ta' l-Att X, dawn l-atti leġislattivi l-oħrajn jikkostitwixxu "leġislazzjoni kkulurita" affetta minn nullità kostituzzjonali; illi għaldaqstant u għar-raġunijiet l-oħra kollha li jirriżultaw waqt il-kawża, l-esponenti jitlob li din il-Qorti jogħġobha tagħti dawk ir-rimedji, l-ordnijiet u d-direttivi li jidhrilha xierqa biex

tassikura t-twettiq ta' l-artikoli 41 u 46 u 38 tal-Kostituzzjoni, fosthom li tiddikjara l-Att X u l-Avviżi Legali kif ukoll l-Att XI jikkostitwixxi ksur ta' l-artikoli 41, 46 u 38 tal-Kostituzzjoni u għalhekk tannullahom għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi; Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Mata u għall-interess li għandu, Onorevoli Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament li bih qalu: illi preliminarjament, l-att promotorju tal-ġudizzju huwa irritwali peress illi l-proċedura adottata mir-rikorrent li jaġixxi b'rikors mhix korretta. Il-proċedura permezz ta' rikors hija limitata għal każi fejn ikun allegat minn persuna illi xi wieħed mill-provvedimenti ta' l-artikoli hemm imsemmija qed jiġi jew x'aktarx ikun sejjer jiġi miksur dwarha, u l-Qorti tagħmel l-ordnijiet, toħroġ l-atti u tagħti d-direttivi mnsemmija fl-artikolu 47 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fuq it-talba kkontenuta fir-rikors; illi fil-każ preżenti hemm mitlub ukoll li l-Qorti tippronunzja n-nullità tal-liġijiet imsemmijin fir-rikors, peress li dawna jikkostitwixxu ksur ta' l-artikoli 38, 41 u 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi l-proċedura għal dana l-għan għandha tittieħed b'ċitazzjoni; illi l-proċedura preżenti b'rikors hija nulla u l-esponenti għandhom jiġu lliberati mit-talbiet kontenuti fl-istess rikors; illi bla preġudizzju għal dak li ġà ntqal, l-esponenti jissottomettu illi d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali ta' l-individwu protetti bil-Kap. IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta jispettaw lill-persuni fiżiċi u mhux lil ċerti għaqdiet ta' persuni bħalma huma - il-Knisja Kattolika f'Malta, il-Provinċja Ekklesjastika Maltija, entitajiet djoċesani u entitajiet lajċi jew reliġjużi simili - dan in kwantu r-rikorrent qiegħed jaġixxi *nomine*; u in kwantu r-rikorrent qiegħed jaġixxi *proprio*, jissottomettu illi l-leġislazzjoni kollha li fir-rikors tiegħu jallega li ċaħditu minn xi dritt fondamentali ta' l-individwu, fil-fatt ma lledietlu l-ebda wieħed minn dawk id-

drittijiet. Illi bla preġudizzju tal-premess il-kontenut tal-paragrafi 6, 7 u 8 tar-rikors huwa kollu kliem żejjed u bla bżonn, billi l-esponenti la qatt qalu u wisq inqas jippretendi li l-Istat jeżerċita l-funzjoni ta' Knisja jew jirregola t-twemmin reliġjuż ta' xi individwu. Li l-Istat la jindaħal u lanqas jillimita t-twemmin jew l-eżerċizzju ta' kwalsiasi reliġjon jew iċ-ċelebrazzjoni ta' quddies. Li l-istat però għandu poter li jilleġisla fuq il-ġid materjali u jagħmel limitazzjonijiet jew modalitajiet dwar l-użu ta' dak il-ġid (bħal, per eżempju, liġijiet fiskali, liġijiet dwar xiri u trasferimenti ta' kwalsiasi proprjetà, eċċ). Li l-Att ta' l-1983 dwar id-Devoluzzjoni ta' Ċerta Proprjetà ta' Knejjes (Att X ta' l-1983) mhux qed iżomm jew iwaqqaf ebda ċelebrazzjoni ta' quddies imma biss qed jirregola l-laxxiti ta' flus għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddies u qed jipprovdi li dawk il-laxxiti ma jistgħux jestendu għal aktar minn 25 sena; illi inoltre b'dan l-Att ħadd ma huwa impedut mid-dritt li jiddestina l-proprjetà tiegħu kollha jekk irid sabiex isir kwalunkwe numru ta' quddies għal ruħ il-mejtin purchè mhux għal aktar minn 25 sena. Illi l-istess mod, il-paragrafu 9 tar-rikors huwa kompletament bla bażi. Li l-Istat la qatt indaħal u lanqas irid jindaħal fir-riti, dottrina u tagħlim spiritwali ta' ebda Knisja jew f'dak li għandu x'jaqsam ma' tagħlim dwar il-"Quddies bħala suffraġju spiritwali". Li dak kamp li jappartjeni kompletament lill-knejjes, bl-istess mod kif il-kamp materjali jappartjeni kompletament lill-Istat u ħadd iżjed ħlief l-Istat; li lanqas ma huwa korrett dak li jingħad fil-paragrafu 10 tar-rikors, li l-Parlament ipprovda għall-kumpens li għandu jitħallas fil-każijiet milquta bl-Att X ta' l-1983 - u dana l-provvediment sar bis-saħħa tal-Kostituzzjoni ta' Malta ta' l-artikolu 38. Illi dan il-provvediment għal kumpens f'ebda każ ma jista' jitqies li huwa relatat għal jew jaffettwa l-mod kif kwalunkwe ġid ta' kull entità ekklesjastika (hu kemm hu llum, kien kemm kien qabel - ġid li għandha u li sejjer ikollha) jista' jiġi adoperat fl-espletazzjoni ta' xi funzjoni li l-istess entità ekklesjastika għandha taqdi konformament mal-missjoni tagħha. Illi inoltre

huwa skorrett li r-rikorrent jgħid li biex ikollok libertà reliġjuża bilfors irid ikollok id-dritt li jkollok il-proprjetà u l-amministrazzjoni ta' proprjetà fuq bażi purament storika, dan hu kunċett li jiġi ppruvat erronju: illi kull ma hemm imsemmi fil-paragrafu 11 tar-rikors huwa bbażat fuq premessa falza. Li l-Att X ta' l-1983 mhux wieħed ta' konfiska ta' ġid iżda wieħed li jirregola ċerti drittijiet ta' liġi ċivili; li dwar dak li qal ir-rikorrent fil-paragrafu 12 tar-rikors *tiegħu. għandu jingħad illi l-*Att X ta' l-1983 ma jikkontrollax in-numru ta' quddies jew gwadan ieħor siritwali li kull ċittadin ikun irid jakkwista f'ħajtu jew wara mewtu; u l-Knisja hija libera li tapplika l-ġid iddestinat għas-suffraġi għal xi skop spiritwali li jidhrilha hija purchè dana jsir matul il-ħajja legali tal-laxxitu; li l-allegazzjonijiet tad-diskriminazzjoni li r-rikorrent jagħmel fil-paragrafi 13 sa 22 tar-rikors tiegħu huma ukoll bla ebda bażi. L-ewwelnett id-diskriminazzjoni, kif inhu risaput u kif espress fil-Kostituzzjoni stess trid tiġi riċerkata fil-konfront bejn persuna minn banda l-waħda u persuna oħra mill-banda l-oħra fejn waħda minn dawn il-persuni tingħata trattament li jiġi miċħud lill-oħra minħabba. per eżempju kulur jew fidi - dak li fil-każ preżenti assolutament ma jeżistix. la għal dak li jirirgwarda l-aspett ta' laxxitu jew fondazzjoni ta' quddies u lanqas għal dak li jirrigwarda proprjetà; li inoltre l-Parlament għandu s-setgħa li fl-interess pubbliku jilleġisla dwar il-mod kif proprjetà (mobbli jew *immobbli*) għandha tiġi użata u għal kemm żmien tista' tiġi użata minn ċerti kategoriji ta' nies jew entitajiet. Illi l-Kodiċi Ċivili jipprovdi għal ħafna każijiet bħal dawn. Illi del resto l-limitazzjoni ta' żmien għal ċerti laxxiti mhijiex kontra l-prattika ta' entitajiet ekklesjastiċi fiż-żminijiet tal-lum; li l-esponenti ma jistgħux jifhmu b'liema mod ir-rikorrent jallega li hemm diskriminazzjoni kontrih sempliċement għax il-liġi timponi l-obbligu ta' inventarju għal għamara u attrezzi li jkun hemm fil-knejjes tal-Gvern imsmmijin fl-Iskeda ta' l-Att X ta' l-1983; li lanqas mhu *veru dak li qal ir-rikorrent fil-paragrafi* 18 u 19 tar-rikors tiegħu li l-Att X ta' l-1983 jiddiskrimina kontrih għax

jipprovdi kumpens irriżorju għal proprjetà ta' entità ekklesjastika in kwantu din il-proprjetà hija proprjetà ta' entità ekklesjastika u in kwantu proprjetà bħal din tgħaddi għand l-Istat meta l-proprjetà ma ġietx użata għall-iskop oriġinarjament iddestinat għaliha. Illi l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li għandu jsir fl-interess nazzjonali - deċiżjoni, dina insindakabbli mill-Qrati - jistabbilixxi l-kriterji, fatturi u ċirkostanzi li għandhom jitqiesu f'materja ta' kumpens għal esproprjazzjonijiet u li għalihom jirreferixxi l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u l-Parlament jista' ukoll bl-istess mod ampju, b'deċiżjoni anke f'dan il-każ insindakabbli, jiddetermina u jirregola l-mod kif proprjetà tista' tintuża - huma x'inhuma ċ-ċirkostanzi li taħthom dina d-determinazzjoni u regolament ta' mod għandhom joperaw - salv li fil-każ pertinenti jiġi pprovdut għal kumpens skond il-każ kif trid il-Kostituzzjoni ta' Malta; li l-Avviżi Legali 36 u 37 ta' l-1983 huma biss parti mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' artijiet (Att XXXV ta' l-1981) intiżi biex tiġi rreġistrata l-proprjetà ta' l-art u mhux biex tinħoloq xi diskriminazzjoni kif qed jallega r-rikorrent; li dwar l-allegazzjonijiet ta' konfiska li hemm fir-rikors fil-paragrafi 23 sa 30, fil-ħin li jiġi ripetut dak li ntqal, ċjoè li l-Att X ta' l-1983 mhux liġi ta' konfiska, l-esponenti jissottomettu illi dana l-Att jipprovdi b'mod komprensiv għal kumpens li għandu jitħallas fil-każijiet kollha fejn kumpens huw dovut; illi l-Att X ta' l-1983 la jinnega li r-reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika u lanqas iċaħħad lill-awtoritajiet ta' dik il-Knisja mid-dmirijiet u drittijiet tagħhom li jgħallmu l-prinċipji ta' dik ir-Reliġjon. Illi għalhekk il-kontenut tal-paragrafi 26 sa 30 tar-rikors huwa bla bażi. Li għaldaqstant fil-meritu t-talbiet tar-rikrorent għar-raġunijiet fuq imsemmija għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat is-sentenza parzjali tagħha tas-26 ta' Ottubru, 1983 li biha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' irritwalità ssollevata mill-intimata u

ddikjarat li l-proċedura użata f'dan il-każ b'rikors hija tajba;

Rat is-sentenza parzjali mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Diċembru, 1983, li biha kkonfermat is-sentenza fuq imsemmija tas-26 ta' Ottubru, 1983;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni elaborata u eżawrijenti ta' l-abbli żewġ difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti l-ewwel ser tiddeċidi t-tieni eċċezzjoni mressqa fil-paragrafu 2 tar-risposta ta' l-intimati, ċjoè illi d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali ta' l-individwu protetti bil-Kap. IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta jispettaw lill-persuni fiżiċi u mhux lil ċerti għaqdiet ta' persuni bħalma huma l-Knisja Kattolika f'Malta, il-provinċja ekklesjastika Maltija, entitajiet dioċesani u entitajiet lajċi jew rliġjużi simili u li fejn ir-rikorrent qed jaġixxi *proprio* li l-leġislazzjoni kollha li fir-rikors tar-rikorrenti jallega li ċaħditu minn xi dritt fondamentali ta' l-individwu fil-fatt ma illedietlu ebda wieħed minn dawk id-drittijiet;

Illi l-Kapitolu IV fuq imsemmi jibda taħt it-titolu "Drittijiet u Libertajiet Fondamentali ta' l-Individwu";

Illi fl-artikoli mit-33 sal-48 li jikkomponi l-imsemmi Kapitolu IV tissemma ħafna drabi l-kelma "persuna";

Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq dan il-Kapitolu IV u jissemmew speċifikatament l-artikoli 38, 41, 46 fejn saret referenza dejjem għall-persuna jew persuni;

Illi fl-*Interpretation Act* (Att XII ta' l-1975) li anke għamlet referenza għaliha l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 126 (14) għalkemm kien għadu ma għaddiex mill-Parlament, l-espressjoni "persuna" ngħatat it-tifsira "li tinkludi għaqda jew korp ieħor ta' persuni sew jekk dik l-għaqda jew dak il-korp ikunu persuna ġuridika jew le";

Illi l-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom ġew għall-konklużjoni (li l-Qorti bir-rispett kollu ma taqbilx magħha) li peress li fit-titolu tintuża l-kelma "individwali" allura l-kapitolu jispettaw biss lill-individwu;

Illi la fil-Kostituzzjoni intużat l-espressjoni "persuna" u sussegwentement b'Att tal-Parlament (l-*Interpretation Act*) ingħatat tifsira lil dik l-espressjoni l-Qorti tħoss li m'għandha l-ebda dubbju l-ħsieb tal-leġislatur meta uża dik l-espressjoni u għalhekk l-espressjoni "persuna" kif użata fl-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni tinkludi ukoll il-Knisja Kattolika f'Malta; u konsegwentement tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti qed jattakka l-validità ta' l-Att X ta' l-1983 dwar id-Devoluzzjoni ta' Ċerta Proprjetà ta' Knejjes u l-Att XI ta' l-1983 li jemenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1981 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet u dana taħt tliet ilmenti u ċjoè: libertà ta' kuxjenza u ta' qima; diskriminazzjoni u konfiska;

Illi rigward l-ewwel ilment, dwar il-libertà ta' kuxjenza u ta' qima, ir-rikorrenti jgħidu li l-imsemmi Att X u l-Att XI jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-libertà ta' kuxjenza u tal-qima garantiti mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni

ta' Malta:

Illi l-ilment prinċipali dwar dan il-kap huwa dwar il-limitazzjoni tal-fondazzjonijiet ta' quddies għall-ruħ il-mejtin;

Illi fl-artikolu 6 ta' l-Att X ta' l-1983, jingħad, fost affarijiet oħra li kull disposizzjoni biex tintuża għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddies għal ruħ il-mejtin m'għandhiex teċċedi ż-żmien ta' ħamsa u għoxrin sena u tkun nulla safejn dik id-disposizzjoni tkun ser isseħħ għall-aktar minn ħamsa u għoxrin sena, u li mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jgħaddu għaxar snin mill-bidu tas-seħħ ta' din id-disposizzjoni kull persuna li tagħmel dik id-disposizzjoni jew suċċessur leġittimu tagħha jkollha l-jedd li tagħżel, permezz ta' nota ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li dik id-disposizzjoni tkompli sseħħ (basta l-perijodu kollu ma jeċċedix il-ħamsa u għoxrin sena); li dik id-disposizzjoni ma tkomplix isseħħ u kull jedd jiġi investit fiha u li dik id-disposizzjoni ma tibqax isseħħ u l-jeddijiet jiġu investiti fil-Gvern; biex il-frutti kollha jiġu użati għall-għanijiet ta' edukazzjoni, kif imsemmi fl-istessa Att; u li kull disposizzjoni magħmula qabel il-bidu ta' l-imsemmi Att X għandhom japplikaw għaliha *mutatis mutandis* kif imsemmi fis-subartikoli (5) u (6) ta' l-imsemmi artikolu 6 ta' l-Att X;

Illi mit-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet jirriżulta li filwaqt li r-rikorrent jgħid li dan huwa ndħil da parti tal-Gvern fl-affarijiet reliġjużi li jfixkel il-libertà ta' kuxjenza u ta' qima, id-difensur ta' l-intimati jgħid li l-Gvern ġab in linea mal-Kodiċi Kanonika ġdida, id-disposizzjonijiet għal ruħ il-mejtin;

Illi d-difensur tar-rikorrenti jinsisti li anke kieku l-Gvern illeġisla f'materja reliġjuża li tiffavorixxi lill-Knisja, dan ukoll xorta huwa indħil fl-amministrazzjoni tal-Knisja;

Illi d-difensur ta' l-intimati ried jagħmel distinzjoni bejn iċ-ċelebrazzjoni ta' quddies li hija "oġġett spiritwali" u l-laxxiti ta' flus li huma oġġett materjali;

Il-Qorti ma taqbilx ma' dina l-aħħar sottomissjoni billi l-laxxiti ta' flus, renti jew frutti għall-quddies huma parti integrali ma' l-intenzjoni tal-fondatur b'mod li ma tistax tifridhom għax jekk tifridhom tfixkel il-Knisja fl-amministrazzjoni tagħha billi l-flus u kull introjti oħra huma bżonnjużi għall-amministrazzjoni materjali tal-Knisja u tal-membri tagħha u l-fondatur, għalkemm dak li ħalla għall-fondazzjoni jkun oġġett materjali, bħal flus, l-intenzjon tiegħu tkun ta' fidi, bħal per eżempju wieħed li jħalli oġġett tad-deheb lil xi statwa tal-Madonna li ċertament l-iskop hu ta' fidi u devozjoni għaliex materjalment l-istatwa m'għandhiex bżonn tiżjin;

Illi t-tieni ilment tar-rikorrenti dwar il-liġi impunjata hija dwar id-diskriminazzjoni kif garantita mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni jiggarantixxi l-protezzjoni li ħadd m'għandu jiġi ttrattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika u fis-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 46, il-kelma "diskriminatorju" ġiet mogħtija t-tifsira ta' għoti bi trattament differenti lill-persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza ... kulur jew fidi li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu soġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux soġġetti għalihom, jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lill-persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn;

Illi l-Att X ta' l-1983 (u l-Avviżi Legali relattivi għall-istess Att X u għall-Att XI ta' l-1983) jittrattaw biss fuq entitajiet ekklesjastiċi. Illi l-intimati jirritjenu li m'hemmx diskriminazzjoni għaliex il-liġi tolqot entitajiet ekklesjastiċi kollha u għalhekk lill-Knejjes u reliġjonijiet kollha;

Illi r-rikorrenti, għalkemm ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni, jirritjeni li anke kieku kien hekk, hemm diskriminazzjoni bejn Knisja u oħra, billi l-kliem li ġie użat fil-liġi bħal - quddies għal ruħ il-mejtin - jolqtu biss lill-Knisja Kattolika u b'ċertu limitazzjoni fil-każ ta' Malta lill-Knisja Ortodossa, u jgħidu ukoll li l-kelma "ekklesjastiċi" hija kunċett tipikament kristjan u għalhekk jeskludi r-reliġjonijiet li mhumiex insara;

Illi l-Qorti iżżid li r-referenza fl-imsemmi Att X għall-Knisja Kattolika toħroġ anke mir-referenza li saret għall-Arċisqof Metropolitan ta' Malta fl-artikolu 8 (5) ta' l-Att X;

Illi r-restrizzjonijiet magħmula bl-imsemmi Att X tal-Parlament, salv li ser jingħad aktar l-isfel dwar l-Att XI ta' l-1983, fuq l-entitajiet ekklesjastiċi fl-opinjoni tal-Qorti jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra l-istess entitajiet ekklesjastiċi kif ser jingħad;

Illi rigward il-laxxiti, filwaqt li kull persuna tista' tħalli kwalunkwe laxxitu lil persuna oħra, korpi jew soċjetajiet jew anke knejjes mhux insara jew kristjani, din il-liġi tipprojbixxi jew tillimita l-istess kwalità ta' laxxiti lill-imsemmija entitajiet ekklesjastiċi;

Illi rigward l-akkwist bi preskrizzjoni jingħad l-istess ħaġa fis-sens li filwaqt li kull persuna, korpi u għaqdiet, huma x'inhuma, jistgħu jakkwistaw u fil-fatt ħafna akkwistaw

proprjetà immobiljari jew le bi preskrizzjoni akkwisittiva (mingħajr distinzjoni ta' *bona fede* jew *mala fede*) fil-każ ta' entitajiet ekklesjastiċi msemmija fl-Att X. din il-preskrizzjoni mhix rikonoxxuta u l-istess proprjetà li hija setgħet akkwistat qed tiġi investita fil-Gvern. Illi dan il-jedd ta' akkwist bi preskrizzjoni huwa rikonoxxut mil-liġi bil-kliem użat mill-istess Att X fis-sec. 8 (3) (a) fejn jingħad u għalkemm dan il-mod ta' akkwist (bi preskrizzjoni) hu rikonoxxut mil-liġi ukoll f'każijiet fejn tkun nieqsa l-*bona fede* <u>dan ma għandu qatt ikun mod li bih entità ekklesjastika għandha takkwista jedd</u> (sottolinear tal-Qorti) u għalhekk tidher id-diskriminazzjonijiet ma' l-entità ekklesjastika;

Il-Qorti tħoss li hawn saret diskriminazzjoni ukoll billi l-intenzjoni tal-leġislatur li timmanifesta ruħha mill-kliem użat mil-liġi hija ntiża għall-Knisja Kattolika billi kif hu magħruf il-Kattoliċiżmu ilu Malta madwar elfejn sena u matul dan iż-żmien ingħataw b'donazzjoni diversi laxxiti fosthom proprjetajiet (li minħabba nuqqas ta' leġislazjoni ġew mogħtija mingħajr kuntratt) u li minħabba l-mogħdija taż-żmien u minħabba ġrajjiet storiċi ta' Malta, ħafna dokumenti ma jistgħux jinstabu, però fl-akkwist tagħhom il-Knisja dejjem intużat il-*bona fede* anke fil-każ ta' l-akkwist bi preskrizzjoni, billi għall-Knisja l-prekrizzjoni m'għandha l-ebda valur jekk ma tkunx fondata fuq il-*bona fede*, skond l-artikolu 198 tal-Kodiċi Kanoniku (ara xhieda tal-25 ta' Jannar, 1984 tal-Monsinjur Vigarju Ġenerali Carmelo Xuereb, fol. 84 li anke kompla jgħid li f'każ li xi ħadd iġib prova illi xi proprjetà mhix tal-Knisja iżda tiegħu, anke wara mitejn, tliet mitt sena, il-Knisja troddhielu lura kif fil-fatt ġara f'każ li, iċċita l-istess Monsinjur Xuereb fix-xhieda tiegħu li l-kawża relattiva ġiet ċeduta ftit jiem qabel ix-xhieda tiegħu); billi kif qal l-istess Monsinjur (fol. 287) il-kelma "preskrizzjoni" ma togħġbux għaliex il-Knisja tirritjeni li l-proprjetà ġiet akkwistata mill-Knisja mhux bi preskrizzjoni imma sempliċement jonqsu d-dokumenti;

Illi t-tielet ilment tar-rikorrenti huma li dwar it-teħid tal-proprjetà tal-Knisja mingħajr kumpens bi ksur tad-dritt fondamentali protett mill-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni jgħid li ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju u ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju ħlief meta dak it-teħid ikun regolat b'liġi li tipprovdi għall-kumpens xieraq għad-dritt ta' rikors lil Qorti indipendenti u imparzjali dwar interess tal-persuna li tippretendi l-kumpens jew id-dritt tagħha fuq dik il-proprjetà u dwar l-ammont u l-ħlas tal-kumpens u għal dritt ta' reviżjoni tad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti quddiem il-Qorti ta' l-Appell f'Malta, iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista' jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi il-kriterji li għandhom jitħarsu magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li tittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi ffissat skond hekk;

Illi mis-sottomissjonijiet tal-partijiet għall-meritu tar-rikors in kwistjoni japplika biss is-subartikolu (1) bil-proviso miegħu ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni billi s-subartikoli l-oħra ta' l-istess artikolu ma japplikawx;

Illi mill-eżami ta' l-Att X ta' l-1983 jirriżulta li ħafna mill-piżijiet u laxxiti oħra għall-ruħ il-mejtin ser jiġu vestiti fil-Gvern billi dawn il-laxxiti ilhom jeżistu għall-mijiet ta' snin u mhux faċili li l-werrieta tal-fondaturi jkunu magħrufa u b'hekk skond il-liġi billi ma jsirux il-formalitajiet imposti mil-liġi dawn jiġu investiti fil-Gvern;

Illi rigward il-proprjetà immobbiljari li ġiet akkwistata mill-entitajiet ekklesjastiċi bil-preskrizzjoni u li ser tiġi intestata fil-Gvern, din ukoll hi ta' entità konsiderevoli billi kif fuq intqal dawn ilhom fil-poter tal-Knisja għal mijiet ta' snin u minħabba nuqqas ta' leġislazzjoni ġrajjiet storiċi eċċ. kif ingħad fuq, mhux faċili li ssib id-dokumenti ta' l-akkwist, minkejja li l-preskrizzjoni akkwiżittiva kienet in *bona fede* għaliex kieku kien hemm xi pretensjoni fuq din ill-proprjetà l-Knisja kienet tirrilaxxjaha kif obbligata li tagħmel skond il-Kodiċi Kanoniku;

Illi l-Att X jipprovdi fl-artikolu 8 l-kriterji li fuqhom għandu jingħata l-kumpens għat-teħid tal-proprjetà fuq imsemmija. Illi kif ġà ntqal u kif irriżulta mix-xhieda dawn huma ta' entità pjuttost konsiderevoli kif jidher mix-xhieda ta' Louis Galea (fol. 230 tal-proċess) li huwa Membru tal-Kumitat Finanzjarju Djoċesan u tal-Kumitat Esekuttiv ta' l-Amministrazzjoni tad-Djoċesi u konsulent finanzjarju tal-Kurja li qal li din il-liġi tolqot b'aktar min-nofs l-*income* tal-Knisja;

Illi din id-dikjarazzjoni ta' Louis Galea, kif qal hu stess, ingħatat mill-esperjenza tiegħu u ma ngħatat ebda indikazzjoni ta' kontradizzjoni ta' din id-dikjarazzjoni mill-intimati;

Illi l-proprjetà li ser tiġi investita fil-Gvern in forza ta' din il-liġi hija bilfors ta' entità konsiderevoli billi a parti x-xhieda tal-Monsinjur Xuereb fejn, fil-fol. 267, qal li ħafna mill-proprjetà tal-Knisja ġiet akkonstat fiż-żminijiet imgħoddija ħafna, per eżempju l-ewwel erba' kanonikati tal-Katidral ġew imwaqqfin mill-Konti Ruġġieru fis-sena 1090 u l-ewwel u għalkemm il-proprjetà tagħhom tinsab debitament reġistrata fil-kotba tal-Kappillani d-dokumenti dwar il-provenjenza ma jeżistux jew "aħjar m'għadhomx jeżistu" (mhux ħaġa inverosimili wara li għaddew 'il fuq minn ħames mitt sena); hemm l-għan tal-liġi li hu l-edukazzjoni b'xejn għal kulħadd kif

ser jingħad;

Illi kif ġà ntqal l-għan tal-liġi huwa l-edukazzjoni b'xejn għal kulħadd, li ovvjament tinvolvi spiża konsiderevoli u li għalhekk il-leġislatur kien qed jantiċipa li bis-saħħa ta' din il-liġi jiġu investiti fil-Gvern ammont konsiderevoli ta' imgħaxijiet u frutti mħollija għall-quddies għar-ruħ il-mejtin (sec. 6 ta' l-Att X) il-proprjetà jew jedd ta' proprjetà kif imsemmi fl-artikolu 7 ta' l-Att X u kull jedd fi jew fuq xi proprjetà kif imsemmi fl-artikolu 2 ta' l-imsemmi Att; u l-kumpens li jitħallas kif ikun il-każ, għandu jkun fuq il-kriterji stabbiliti mill-artikolu 8 ta' l-istess Att, li fl-opinjoni tal-Qorti mhuwiex il-kumpens ġust kif garantit mill-Kostituzzjoni. Illi l-Qorti tħoss li għalkemm il-Kostituzzjoni tipprovdi li l-Parlament jista' jistabbilixxi kriterji li fuqhom jitħallas il-kumpens kif għamel l-Att X ta' l-1983, għandha d-dmir u d-dover li tindaga jekk dan il-kumpens huwiex xieraq u jissodisfax l-għan u l-iskop ta' l-imsemmi Att 38 tal-Kostituzzjoni tagħna;

Illi dwar il-*proviso* ta' l-Att 38 (1) tal-Kostituzzjoni, l-intimati argumentaw li bl-emenda ta' l-1974, li biha ġiet miżjuda din il-*proviso* jekk il-Parlament jiddikjara li liġi ta' esproprjazzjoni hija fl-interess nazzjonali għalkemm qabel il-kumpens kellu jkun *adequate* (xieraq) b'din id-dikajrazzjoni l-kumpens m'għandux għalfejn ikun aktar xieraq u jista' jkun li jkun skond il-kriterji li jiffissa l-Parlament. Skond dan l-argument b'din l-emenda ġie mnaqqas id-dritt ta' kull ċittadin Malti għal kumpens xieraq;

Il-Qorti ma taqbilx ma' din it-teżi tad-difiża li l-kelma "iżda" f'dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni tfisser li l-kumpens sejjer ikun inqas minn dak li kien ser jingħata li kieku ma kienx hemm dan il-proviso. Dan il-proviso ifisser biss li l-Parlament

minflok ma jiffissa hu l-kumpens, jiddelega lill-Qorti biex tagħmel hi l-kontijiet bi kriterji li jwasslu għall-kumpens. Il-kelma "kumpens" fil-*proviso* ma tistax tfisser xejn ħlief il-kumpens imsemmi aktar 'il fuq fl-istess artikolu u l-*proviso* mhux qed jirreferi għal xi kumpens differenti minn dak imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' l-artikolu 38 (1) tal-Kostituzzjoni; għax ma tistax din il-Qorti tifhem kif Kostituzzjoni tista' tipprovdi għall-kumpens li ma jkunx xieraq, ċjoè reali u ġust;

Illi għalhekk il-Qorti għandha d-dover tindaga jekk il-kriterji ffissati mill-Parlament iwasslux jew le għall-kumpens, li kif intqal fuq, għandu jkun ġust u xieraq. Infatti fl-artikolu 38 (1) (a) il-Kostituzzjoni tipprovdi għal "kumpens xieraq". Illi fil-*proviso* ta' l-istess artikolu 38 (1) jingħad "... magħduda l-fatturi u ċ-ċirksotanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar il-proprjetà li jittieħed pussess tagħhom ..." (sottolinear tal-Qorti) u għalhekk il-kumpens riferit f'dan il-*proviso* bilfors meta jinqara l-artikolu 38 (1) kollu jirreferi u ċjoè hu l-istess "kumpens xieraq" imsemmi fis-subartikolu (a) ta' l-artikolu 38 (1);

Illi l-kumpens xieraq għandu jkun il-prezz ġust li l-proprjetà ġġib fis-suq bejn bejjiegħ li jrid ibigħ u xerej li jrid jixtri u din l-interpretazzjoni ngħatat mill-Qorti Suprema Indjana f'kawżi li kellha quddiemha li fihom kien involut l-artikolu 31 tal-Kostituzzjoni tagħhom sa l-1955 li huwa identiku ma' l-artikolu 38 (1) tal-Kostituzzjoni tagħna;

Illi mill-eżami ta' l-artikolu 8 ta' l-Att X ta' l-1983 il-kriterji li fuqhom għandu jitħallas il-kumpens ma jwassalx, fl-opinjoni tal-Qorti għall-kumpens ġust kif rikjest mill-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni tagħna;

Illi per eżempju, il-kriterju stabbilit fl-artikolu 8 (3) (d) fejn jingħad li l-kumpens illi għandu jitħallas ma għandu f'ebda każ ikun iżjed fil-valur fi flus tal-konsiderazzjoni mogħtija mill-entità ekklesjastika jew il-valur tal-proprjetà jew il-jedd korrenti fiż-żmien ta' l-akkwist skond liema minnhom ikun l-akbar li minnhom jitnaqqas il-valur ta' kull benefiċċju li jkun inkiseb mill-proprjetà u l-ispiża li trid issir biex il-proprjetà tiġi restawrata fi stat tajjeb ta' tiswija, meta jiġi biex jitħaddem ifisser jekk l-art esproprjata b'dan l-Att tkun waħda mit-tmien parroċċi fuq imsemmija li twaqqfu fl-1400 A.D. il-valur ta' l-istess art esproprjata tkun ta' dak iż-żmien u ċjoè ftit skudi apparti t-tnaqqis imsemmi li fl-aħħar jista' biex jingħad hekk jirriżulta li din il-parroċċa jkollha tħallas talli tkun tilfet il-proprjetà;

Illi mill-kliem ta' l-imsemmi paragrafu jidher li l-leġislatur qed jirrikonoxxi l-*bona fede* ta' l-entità ekklesjastika meta jingħad fil-liġi li l-entità ekklesjastika għandha tiġi mogħtija l-kumpens fi flus "tal-konsiderazzjoni mogħtija mill-entità ekklesjastika ... fiż-żmien ta' l-akkwist" (artikolu 8 (3) (d) u għalhekk minn hawn jidher li l-istess entità akkwistat l-istess proprjetà bi ħlas ta' konsiderazzjoni, però illum ma jistgħux jinstabu d-dokumenti relattivi, kif xehed il-Vigarju Ġenerali;

Illi mill-paragrafu (f) ta' l-artikolu 8 (3) jidher li l-kumpens li għandu jingħata għall-waqfien jew għal-limitazzjoni ta' xi disposizzjoni li għaliha jirreferu l-artikoli 6 u 7 ta' l-istess Att, għandu jkun daqs waħda minn tnax tal-kera, imgħax, fruttijiet ċivili oħra jew xi somma oħra użata fis-sena fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddies; illi minn dan jirriżulta li l-ebda valur mhu ser jittieħed ta' l-art jew il-bini li fuqhom ikunu imposti l-istess frutti u għalhekk meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni li ħafna mill-imsemmija frutti ilhom imposti għal mijiet ta' snin (u għalhekk relattivament baxxi ħafna) il-kumpens li ser jitħallas taħt il-liġi huwa irriżorju;

Illi minn eżami ta' l-artikolu 9 ta' l-imsemmi Att, jidher li hawn ukoll saret diskriminazzjoni ma' l-entità ekklesjastika billi kulħadd huwa liberu li jagħmel li jrid bil-proprjetà lilu mħollija anke jbiddel l-għan li għalih din il-proprjetà tkun ġiet imħollija, mentri skond dan l-artikolu jekk l-entità ekklesjastika ma tkunx qed tuża dik il-proprjetà għall-għan lilha mħolli, din il-proprjetà tiġi investita fil-Gvern u l-kumpens li lilha għandu jitħallas skond il-kriterji stabbiliti bl-istess artikolu 8 hu fl-opinjoni tal-Qorti irriżorja għar-raġunijiet mogħtija qabel meta fuq ġie diskuss l-artikolu 8 billi intużaw l-istess kriterji;

Illi mill-eżami ta' l-Att XI ta' l-1983 waħdu ma jistax jingħad li fih xi diskriminazzjoni jew element ieħor antikostituzzjonali, jew li jilledi xi dritt kostituzzjonali tar-rikorrenti, però minn dak li ser jingħad aktar 'l isfel jidher li dan l-Att huwa komplimentari għallAtt X ta' l-1983;

Illi l-imsemmi Att XI ġie ppreżentat fil-Parlament fl-istess ġurnata li ġie ppreżentat l-Att X (27 ta' Ġunju, 1983); illi mid-dok. M4 jidher li l-Atti X u XI huma taħt titolu wieħed u ċjoè "<u>Liġijiet</u> dwar Devoluzzjoni ta' Ċerta Proprjetà ta' Knejjes" (sottolinear tal-Qorti); u mid-*debates* tal-Parlament tas-7 ta' Lulju, 1983 (paġna 1165) jirriżulta li dan l-Att huwa komplimentari għall-Att X;

Illi kull dubbju li seta' kien hemm dwar l-intenzjoni tal-leġislatur fl-Att XI tneħħa bl-Avviżi Legali 36 u 37 ta' l-1983, fejn ġiet ordnata r-reġistrazzjoni ta' kull piż (li skond l-A.L. 36/1983, tfisser kull obbligu tas-sid ta' xi proprjetà immobbli li bih xi kirja jew frottijiet oħra ċivili li jinkisbu minn dik il-proprjetà ikollhom jiġu użati jew imħallsa għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddies għar-ruħ il-mejtin ...") u r-reġistrazzjoni tat-titoli kollha għall-att li huwa proprjetà ta' xi entità ekklesjastika jew huma amministrati minnha u t-titoli kollha għall-art soġġetti għall-piż;

Illi mill-imsemmija Avviżi Legali jidher li saret diskriminazzjoni billi r-reġistrazzjoni obbligatorja ġiet ordnata biss għall-proprjetà ta' jew amministrata minn entità ekklesjastika u proprjetà soġġetta għall-piż ta' quddies għall-erwieħ tal-mejtin; u l-għan ta' din ir-reġistrazzjoni huwa komplimentari għal dak ta' l-Att X u ċjoè li mill-imsemmija leġislazzjon jirriżulta xi proprjetà u jeddijiet oħra fuq proprjetà tal-Knisja li ġew milquta mill-imsemmi Att X, billi kif xehed ir-Reġistratur ta' l-Artijiet huwa ma jirreġistra ebda titolu ta' Knejjes li tkun ġejja mill-preskrizzjoni;

Illi għalkemm l-Att XI ta' l-1983 hu komplimentari għall-Att X ta' l-1983, il-Qorti tħoss li ma fih xejn anti-kostituzzjonali u diskriminatorja billi l-artikoli 14 (a) u 14 (b) huma poteri mogħtija lill-Ministru li jordna reġistrazzjoni ta' art u jeddijiet ġenerali;

Illi mhux l-istess jista' jingħad għall-Avviżi Legali 36 u 37 ta' l-1983 billi l-Ordni ta' Reġistrazzjoni fihom imsemmija saret biss għall-entitajiet ekklesjastiċi u meħuda in konsiderazzjoni li l-Att X ta' l-1983 hu fl-opinjoni tal-Qorti null, l-Avviżi Legali msemmija minn 36 u 37 ta' l-1983 huma diskriminatorji u għalhekk nulli għaliex saru komplimentari għall-Att X ta' l-1983;

Illi kif diġà ntqal fuq l-għan ta' l-Att X ta' l-1983 huwa l-edukazzjoni b'xejn għal kulħadd, li huwa ta' interess nazzjonali, iżda skond l-imsemmi Att X biex jintlaħaq dan l-għan ser tiġi użata l-proprjetà u l-frutti tal-Knisja li ser jiġu devoluti in forza ta' l-imsemmi Att. Illi b'din id-devoluzzjoni lill-Knisja ser titnaqqsilha aktar min-nofs l-introjti tagħha, liema introjti huma indispensabbli għall-Knisja minkejja dak li jingħad fl-Att għall-qadi tal-missjoni tagħha;

Illi għalhekk meta l-Knisja tiġi mfixkla serjament fil-qadi tal-missjoni tagħha ser ibatu u jiġu affettwati l-poplu Kattoliku ta' Malta kollu li skond il-Kostituzzjoni, ir-reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana (artikolu 3 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-edukazzjoni b'xejn għal kulħadd ġà hi pprovduta mill-Istat, u għalhekk b'din il-liġi jistgħu jintlaqtu l-ftit nies relattivament li għandhom it-tfal fl-iskejjel tal-Knisja li għażlu dan volontarjament (minkejja li kellhom l-iskejjel b'xejn ipprovduti mill-Istat) u dan a skapitu tat-tfixkil fil-missjoni tal-Knisja kif fuq imsemmi li kif ġà ngħad, jaffettwa lill-poplu kattoliku Malti kollu u għalhekk, anke minn dan il-lat, il-liġi mhix ġustifikata;

Illi l-intimati qed jagħtu piż qawwi biex jiġġustifikaw din il-liġi bil-frażi "fl-interess nazzjonali" saret referenza għall-kawża **Debono *vs* Onor. Prim Ministru**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Ġunju, 1984;

Illi l-Parlament jirrappreżenta l-poplu u qiegħed hemm biex jilleġisla u jaħdem fl-interess nazzjonali però dejjem in konformità mal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi kull Att tal-Parlament hu preżunt li sar fl-interess nazzjonali billi kif intqal dik hi l-funzjoni tal-Parlament, anke jekk ma jingħad espressament fil-liġi;

Illi l-intimati donnhom jippretendu li jekk f'Att tal-Parlament jingħad li dan qed isir fl-interess nazzjonali l-Qorti ma tistax tissindika dan l-Att;

Illi l-Qorti tħoss li hu d-dover u d-dmir tagħha li tara li kull att tal-Parlament ma jmurx kontra l-Kostituzzjoni għaliex kieku

ma kienx hekk il-Parlament, b'sempliċi maġġoranza, bil-frażi "fl-interess nazzjonali" inserita fl-Att, jevadi l-maġġoranza rikjesta mill-Kostituzzjoni biex jgħaddi dak l-istess Att, u jista' jingħad, jekk dan kien hekk, li l-Kostituzzjoni tiġi ridotta għal-liġi sempliċi;

Illi l-Qorti tħoss li l-aktar interess nazzjonali hu li tiġi imħarsa l-kostituzzjoni u dan hu dak li qed tagħmel il-Qorti;

*Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa'* t-talba tar-rikorrent in kwantu tirreferi għall-Att X ta' l-1983 u l-Avviżi Legali relattivi għaliha u ċjoè numru 38 ta' l-1983 u l-Avviżi Legali 36 ta' l-1983, 47 ta' l-1983 u 48 ta' l-1983 u tiddikjarahom *li* jikkostitwixxu *ksur ta' l-artikoli 38, 41 u 46* tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u bħala tali nulli u bla effett u tiċħadha rigward l-Att XI ta' l-1983;

*L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ stante n-novità* tal-każ, bin-nofs bejn il-partijiet.